**Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-001407/2019**
**lill-Kummissjoni**
Artikolu 130 tar-Regoli ta’ Proċedura
**Eleonora Evi (EFDD), Bart Staes (Verts/ALE), Stefan Eck (GUE/NGL), John Flack (ECR), Dario Tamburrano (EFDD), Emil Radev (PPE), José Inácio Faria (PPE), Tiziana Beghin (EFDD), Jiří Pospíšil (PPE), Marco Zullo (EFDD), Tilly Metz (Verts/ALE), Fabio Massimo Castaldo (EFDD), Pascal Durand (Verts/ALE), Ivo Vajgl (ALDE), Isabella Adinolfi (EFDD), Jytte Guteland (S&D), Petri Sarvamaa (PPE), Dominique Bilde (ENF), Fredrick Federley (ALDE), Stelios Kouloglou (GUE/NGL), Marco Affronte (Verts/ALE), Ernest Urtasun (Verts/ALE), Marlene Mizzi (S&D), Julie Ward (S&D), Thomas Waitz (Verts/ALE), Keith Taylor (Verts/ALE) u Guillaume Balas (S&D)**

Suġġett: L-istabbiliment ta' skema ta' tikkettar ibbażata fuq il-benesseri tal-annimali għal prodotti tal-laħam u/jew prodotti tal-ħalib

Il-maġġoranza l-kbira tal-konsumaturi tal-UE huma lesti li jħallsu aktar għall-prodotti li jħarsu l-benessri tal-annimali[1].

Filwaqt li jeżistu xi skemi volontarji, fil-preżent il-konsumaturi ma jistgħux jiddifferenzjaw b'mod ċar bejn id-diversi prodotti tal-laħam u tal-ħalib fis-suq abbażi tal-istandards tal-benessri.

Sistema ta' tliet livelli bbażata fuq ix-xjenza u speċifika għall-ispeċijiet, fuq il-linji ta' dik diġà operazzjonali għall-bajd u simili għas-sistema implimentata fil-Ġermanja għall-ħnieżer[2], konsistenti u standardizzati fl-UE kollha u li tibda mir-rekwiżiti legali minimi, ċertament tiżgura ċ-ċarezza għall-konsumaturi u tippermettilhom jagħmlu għażliet infurmati.

Barra minn hekk, tali skema ta' tikkettar tkun aktar ġusta għall-bdiewa, peress li tipprevjeni l-użu ta' tikketti differenti u qarrieqa li jistgħu jaħbu jew jinvolvu standards ta' benesseri tal-annimali differenti u aktar baxxi.

Barra minn hekk, sistema bħal din toħloq "ġirja għall-quċċata", li tinkoraġġixxi lill-bdiewa jdaħħlu standards ogħla tal-benessri tal-annimali sabiex jimmarkaw il-prodott tagħhom bħala tal-aqwa kwalità, filwaqt li fl-istess ħin jikkumpensaw għaż-żieda fl-ispejjeż.

1. Il-Kummissjoni biħsiebha tintroduċi skema ta' tikkettar bħal din għal-laħam u/jew għall-prodotti tal-ħalib?

2. Jekk dan mhuwiex il-każ, u b'kunsiderazzjoni tas-suċċess tal-iskema tat-tikkettar tal-bajd tal-UE, x'inhuma r-raġunijient għaliex mhux se jsir hekk?

---

[1] Ewrobarometru Speċjali 442, "Attitudes of Europeans towards Animal Welfare" (L-Attitudnijiet tal-Ewropej fir-rigward tat-Trattament Xieraq tal-Annimali) – Sommarju, Marzu 2016

[2] Stqarrijiet għall-istampa: https://www.bmel.de/SharedDocs/Pressemitteilungen/2019/036-Tierwohlkennzeichen.html?utm_source=POLITICO.EU&utm_campaign=7b62d74471-EMAIL_CAMPAIGN_2019_02_06_09_35&utm_medium=email&utm_term=0_10959edeb5-7b62d74471-189131121; https://www.bmel.de/SharedDocs/Downloads/Tier/Tierwohl/Tierwohlkennzeichen_Schwein_Kriterien.pdf;jsessionid=E085B4C70B9A0CD66D69A604E6E2B197.2_cid358?__blob=publicationFile; https://www.bmel.de/SharedDocs/Downloads/Tier/Tierwohl/Tierwohlkennzeichen_Schwein_Grafiken.pdf;jsessionid=E085B4C70B9A0CD66D69A604E6E2B197.2_cid358?__blob=publicationFile